**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Avviz numru 232/2015 MV**

**GM International Services Limited (C2908)**

**vs**

**Blu Way Charter Limited (C60999)**

**Illum, 26 ta' April 2017**

Il-Qorti;

Rat l-avviz tas-socjetà rikorrenti permezz ta' liema s-socjetà rikorrenti talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' sebat elef disa' mija u tnejn u tletin Ewro u ghoxrin centezmu (€7,932.20), rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut mis-socjetà intimata bhala hlas ta' servizzi pprovduti lilha mill-istess socjetà rikorrenti skont l-annessi *invoices* immarkati Dokument 'GMI1', u dan flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data li kull *invoice* saret dovuta sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez

kollha inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat in konnessjoni ma din it-talba.

Rat illi s-socjetà intimata kienet debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smiegh skont kif jirrizulta mir-referti a folio 36 et sequitur tal-process.

Rat illi s-socjetà intimata ma prezentat l-ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qed titlob hlas ta' ammont allegatament dovut mis-socjetà intimata.

Illi s-socjetà intimata hija kontumaci stante illi mhux biss ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti izda ukoll naqset milli tidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ma kkontestat bl-ebda mod it-talbiet rikorrenti.

Illi fis-seduta tal-01 ta' Frar 2017 xehed ir-rapprezentant tas-socjetà rikorrenti li ukoll ikkonferma bil-gurament l-istess talbiet.

Illi s-socjetà intimata ma kkontestat bl-ebda mod it-talbiet tas-socjetà rikorrenti.

Ghalhekk it-talbiet tas-socjetà rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' t-talbiet tas-socjetà rikorrenti, bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur